MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 358/1998/1

**Rose mart Philip Camilleri, f' ismha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedhom minuri Fiorella, Maria, Stephanie u Christine, u Philip, ahwa Camilleri**

**vs**

**Philip Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Frar 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu f' Malta fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u tmenin (1980) u miz-zwieg taghhom kellhom hamest itfal u cioe' Fiorella, Maria, it-tewmin Stephanie u Christine u Philip, ahwa Camilleri;

Illi l-hajja konjugali saret impossibli minhabba eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi kommessi kontriha mill-konvneut, minhabba li tkissret irrevokabilment;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civli sabiex tipprocedi f' din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond Digriet moghti minn dik il-Qorti fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebghin u disghin (1997) (Digriet Numru 1215/97) Dok. "A" kif debitament ipprorogat;

Illi, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Camilleri minhabba eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tfal minuri fuq imsemmija jigu affidati lill-attrici salv kull provvediment xieraq ta' access li din il-Qorti jidrilha li ghandha tipprovdi fl-ahjar interess tal-minuri;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici ghaliha u ghall-minuri ahwa Camilleri dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti u jigi ordnat li l-manteniment hekk stabbilit jithallas lill-attrici direttament mill-employer tal-konvenut;

4. Jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.)** *in toto* jew *in parte;*

5. Tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, *okkorrendo* b'opera ta' periti

nominandi sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha;

7. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju lilu prefiss jivvaka d-dar matrimonjali u tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar ad eskluzzjoni tal-konvenut;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civlil kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, l-lista ta’ xhieda u tad-dokumenti esebiti minn fol. 3 sa 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti nkluz id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 6 ta’ Ottubru 1997 mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri a fol. 7 tal-process fejn l-kura l-kustodja tal-minuri gew fdati f’idejn l-attrici b’access ampju ghall-konvenut, li gie ordnat ihallas manteniment ta’ Lm20 lill-mara u Lm45 fil-gimgha ghall-minuri.

Rat ir-rikors tal-attrici Rose Camilleri datat 20 ta’ Frar 1998, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tinnominaha kuratrici *ad litem* ta’ uliedha minuri fl-atti kollha relattivi, konnessi u sussegwenti.

Rat id-digriet datat 18 ta’ Awissu 1998, fejn giet ordnata n-notifika lill-kontro-parti.

Rat id-Digriet tat-18 ta’ Jannar 1999, fejn il-Qorti fin-nuqqas ta’ risposta laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Camilleri, datata 7 ta’ April 1999, a fol. 16 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti, filwaqt li ma jopponiex ruhu ghas-separazzjoni, jikkontendi illi t-tortijiet ghat-tifrik taz-zwieg huma attribwibbli lill-attrici;

2. Illi f'kull kaz jikkontendi dak domandat mill-attrici fit-tielet talba billi fil-kaz *de quo* ma humiex necessitati s-sanzjonijiet prevvisti fl-artikoli citati;

3. Illi l-eccipjenti jikkontesta wkoll is-sitt talba billi ma jezistux ir-rekwiziti f' dan il-kaz ghall-allontanament tieghu mill-fond konjugali;

4. Illi l-eccipjenti finalment jissolleva wkoll illi l-attrici ghandha impjieg rimunerattiv u ghalhekk l-iffissar tal-alimenti ghandhom ikun wkoll mizurati skond din il-konsiderazjoni;

5. Illi salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 17 u fol. 18 tal-process.

Rat il-verbali datati 26 ta' April 1999 u 6 ta' Mejju 1999, fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea sabiex tigbor il-provi kollha li hemm bzonn.

Rat il-verbal datat 14 ta' Ottubru 1999, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat is-seduta mizmuma fil-15 ta' Dicembru 1999 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea fejn xehdet l-attrici.

Rat il-verbal datat 16 ta' Marzu 2000, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja fis-7 ta' Marzu 2000 fejn xehdet l-attrici, fil-21 ta' Marzu 2000 fejn xehdet Victoria Attard u Antida Gatt, fil-5 ta' Mejju 2000 fejn ma' sar xejn u fis-7 ta' Settembru 2000 fejn ukoll ma'

sar xejn, kollha l-istess seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea.

Rat il-verbal datat 9 ta' Ottubru 2000, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat in-nota tal-attrici Rose Camilleri datata 10 ta' Ottubru 2000 fol. 45 tal-process fejn l-istess attrici esebiet l-introjtu taghha ghas-sena 1999 li kien jammonta ghall-Lm925.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 6 ta' Dicembru 2000, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tawtorizza l-hrug tal-passaport ghall-minuri Maria sabiex hi tkun tista' issiefer fit-3 ta' Jannar 2001 flimkien ma' ohtha u zija taghha, u *in vista* tal-fatt li d-data hija fil-qrib joghgobha tikkunsidra b' urgenza t-talba odjerna.

Rat in-nota ta' Rose Camilleri datata 4 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal datat 23 ta' April 2001.

Rat il-verbal datat 6 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 6 ta' Marzu 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza qed tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat is-seduti mizmuna quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea, fit-8 ta' Mejju 2001 fejn regghet xehdet l-attrici; fit-28 ta' Novembru 2001 fejn sar biss verbal u gew esebiti xi dokumenti u gie indikat li fil-mori tal-kawza d-dar matrimonjali Ortensia, Triq il-Kukkanta, Zebbug, Malta inbieghet b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa' datat 16 ta' Awissu 2001 – Dok. “RC1”.

Rat ir-rikors tal-konvenut Philip Camilleri datat 4 ta' Frar 2002, a fol. 74 fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha tirriduci r-rata tal-alimenti mill-attwali ammont ta' Lm 54 fil-gimgha.

Rat id-digriet datat 6 ta’ Frar 2002, fejn giet ordnata n-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat is-seduta mizmuna quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea, fit-23 ta’ Mejju 2002, a fol. 77 tal-process fejn ma sar xejn.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Gunju 2002, fejn il-Qorti ordnat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tiffissa seduta whada ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’ terminu ta’ hamsin (50) jum.

Rat is-seduti mizmuna quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea, fil-11 ta’ Settembru 2002 fejn ma’ sar xejn; fl-20 ta’ Novembru 2002 fejn ukoll ma’ sar xejn; u fis-16 ta’ Dicembru 2002 fejn ukoll ma’ sar xejn.

Rat il-verbal datat 14 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Jannar 2003, fejn il-Qorti konfermat id-digriet taghha tal-4 ta’ Gunju 2002 u ddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa w ordnat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tiffissa seduta wahda ghall-kontro-ezami tal-konvenut li kellu jigi mharrek.

Rat in-nota tal-konvenut datata 28 ta’ Marzu 2003, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 1 ta’ April 2003 fejn il-Qorti ordnat li tinzamm l-ahhar seduta hemm indikata u wara ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa.

Rat is-seduti mizmuna quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea, fis-16 ta’ Dicembru 2002 fejn ma’ sar xejn u fit-28 ta’ April 2003, minn fol. 98 sa fol. 108 tal-process fejn sar il-kontro-ezami tal-konvenut.

Rat ir-rikors ta’ Rose Camilleri datat 6 ta’ Gunju 2003, fejn talbet bir-rispett li hija awtorizzata taghmel dak mehtieg fl-

ufficju tal-passaporti sabiex binha jkun jista' jsiefer lejn Sqallija.

Rat id-digriet datat 9 ta' Gunju 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Philip Camilleri datata 16 ta' Gunju 2003.

Rat id-digriet datat 19 ta' Gunju 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba, b'dan li l-attrici kellha tiddeposita nota guramentata fi zmien jumejn dwar id-dati ezatti tal-istess safra u d-dettalji ohra relattivi, kif ukoll gie ordnat li tali atti kellhom jigu notifikati lill-Ufficjal tal-Passaporti u lill-kontroparti immedjatament.

Rat il-verbal datat 10 ta' Gunju 2003.

Rat in-nota tal-attrici datata 24 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbal datat 13 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti tat il-fakolta' lill-partijiet jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet b' terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat il-verbal datat 2 ta' Marzu 2004.

Rat il-verbal datat 5 ta' Mejju 2004, fejn Dr. Edward Gatt ghall-attrici nforma lill-Qorti li fil-mori tal-kawza l-fond matrimonjali nbiegh u r-rikavat inqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Il-mobbli kienu ghadhom ma nqassmux u Dr. Edward Gatt jaghmel il-lista taghhom u pjan ta' divizjoni. Il-Qorti tat il-fakolta' lid-difensuri sabiex jaghmlu n-noti tal-osservazzjonijiet taghhom fit-termini gja moghtija. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett' ostakolo ghas-27 ta' Jannar 2005.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 7 ta' April 1999 u l-atti kollha relattivi li qieghdin fi process separat u d-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Noel Arrigo datat 22 ta' Dicembru 2000 fejn l-alimenti li kien ordnat ihallas il-konvenut gew ridotti ghall-ammont ta' Lm54 ghaliex it-tifla l-kbira saret maggorenni.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 21 ta' Gunju 1999 u l-atti kollha relattivi li qeghdin fi process separat u d-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Noel Arrigo datat 22 ta' Dicembru 2000 fejn l-istess Qorti cahdet l-ewwel talba, laqghet it-tieni talba limitatament ghall-ammont ta' Lm54 u dan fiz-zmien minn April 1999 u ordnat lill-konvenut sabiex ihallas fi zmien xahrejn id-differenza settiminali mill-1 ta' April 1999 sad-data tad-digriet kif hemm indikat.

Rat in-nota tal-attrici Rose Camilleri, datata 7 ta' Jannar 2005, minn fol. 123 sa fol. 129 tal-process, li permezz taghha prospettat pjan ta' qasma bejnha u bejn zewgha l-konvenut.

Rat x-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tordna korrezzjoni fis-sens li l-ahhar erba' talbiet attrici jigu enumerati 4,5,6, u 7 minflok 3,4,5, u 6 u dan peress li jirrizulta li kif prezentata ic-citazzjoni attrici n-numru 3 gie msemmi darbtejn.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet minn fejn jirrizulta mill-provi prodotti li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi u dan kollu jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess attrici u mix-xhieda minnha prodotta, fejn jidher li l-istess konvenut kien kontinwament jippressa lill-attrici u ma kien jafdha f'xejn, u mhux biss izda kellu vizzju ikrah li jimmalafamaha ma' kulhadd, inkluz ma' uliedha stess. Dan apparti li l-istess konvenut mhux l-ewwel darba li zamm lill-attrici fil-bzonn billi ma' ghaddielhiex manteniment, u fil-fatt anke fil-mori ta' din il-kawza huwa naqqas li jhallas ghal kollox il-manteniment li

huwa kien gie ordnat ihallas minn din il-Qorti diversament presjeduta, tant li kien hemm ordni apposita sabiex l-istess konvenut ihallas l-arretrati ta' manteniment, u dan kif jidher anke mid-digriet *pendente lite* datat 20 ta' Dicembru 2000 appena citat. Jirrizulta pero' anke mix-xhieda tal-konvenut li huwa *pendente lite* hallas biss l-ammont ta' Lm40 fil-gimgha u mhux l-ammont ordnat fl-imsemmi digriet u sabiex wiehed jara b'liema mod jirraguna l-konvenut din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tieghu a fol. 107 tal-process fejn adirittura imerri d-digriet tal-Qorti stess u dan wara iktar minn sentejn li l-istess digriet kien moghti. It-tezi ta' l-attrici anke dwar dan tinsab ikkonfermata tant li sabiex tithallas manteniment *pendente lite* kellha wkoll tirrikorri ghall-proceduri kriminali. Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar manteniment jirrizulta li l-konvenut jahdem ghar-rasu jbajjad u jirrizulta li dejjem kellu introjtu tajjeb kif jirrizulta anke mir-rizultanzi tad-digrieti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta. Din il-Qorti thoss li ma' hijiex veritiera l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa kien jaqla' Lm80 u Lm100 biss fil-gimgha, anzi din il-Qorti thoss li l-istess konvenut jaqla' sew iktar, u dan minkejja li l-istess konvenut ghamel minn kollox f'din il-kawza sabiex ma jurhiex verament kemm jaqla'; huwa stess ammetta li mhux dejjem johrog ricevuti fiskali u wkoll xehed quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li kien jaqla' Lm200 fil-gimgha, u dan kemm fl-atti tar-rikors *pendente lite* u kif ukoll fis-seduta tat-28 ta' April 2003 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja. Illi jirrizulta wkoll li l-istess attrici kienet taghmel xi xoghol *part-time* li l-introjtu taghha jinsab indikat anke fid-digrieti fuq indikati ta' din il-Qorti diversament presjeduta, u wkoll li d-dar matrimonjali nbieghet u l-partijiet ftehmu dwar ir-rikavat ta' l-istess u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandu jibqa' japplika r-rata ta' manteniment attwali ta' Lm54 fil-gimgha, kwantu ghal Lm20 ghall-attrici u kwantu ghal Lm34 fil-gimgha ghall-minuri ulied il-kontendenti, b'dan li l-istess pagament tal-mantiniment ghandu jsir kull gimgha bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici. Apparti dan tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' elfejn disgha mija tmienja u sittin Lira Maltin Lm2,968 rappresentanti

arretrati ta' manteniment li l-istess konvenut naqas li jhallas lill-attrici ghall-erba' snin u fuqhom ikkakkulati sad-data ta' din is-sentenza anke abbazi ta' dak indikat mill-attrici fin-nota taghha.

Illi dwar komunjoni ta' l-akkwisti jirrizulta li l-partijiet ftehmu dwar id-dar matrimonjali li nbieghet u r-rikavat gie maqsum bi ftehim bejniethom. Mill-bqija jirrizulta li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu zewg vetturi wahda tal-marka Toyota u l-ohra tal-marka Nissan u li l-istess konvenut stmhom li jiswew tlett elef Liri Maltin (Lm3,000) l-wahda. Filwaqt li l-attrici tghid li komplessivament dawn jiswew illum hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) u allura din il-Qorti tordna li l-istess vetturi jibqaw fil-pussess u proprjeta tal-konvenut b'dan li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala kumpens l-ammont ta' elfejn u hamest mitt Liri Maltin (Lm2,500). Dwar mobbli l-konvenut qed jigi assenjat l-kmamar tas-sodda fil-waqt li l-attrici ghandha jzomm l-ghamara li attwalment ghandha fil-pussess taghha.

Illi dwar kura u kustodja ta' l-ulied minuri dawn ghandhom jigu fdati f'idejn l-attrici b'access favur il-konvenut ta' darba fil-gimgha biss kull nhar ta' Hamis mill-4.00.p.m. sal-5.00.p.m. b'dan pero' li l-istess minuri ghandhom il-fakolta' li jaghzlu jekk jridux li jmorru tali access, u bl-ebda mod ma' ghandhom jigu sforzati, anke peress li jidher li l-konvenut ilu ma' jara lill-uliedu mis-sena 2001, u f'dan is-sens din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex fl-interess tal-minuri timmonitorja s-sitwazzjoni.

**<u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** biss u fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronuzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Camilleri minhabba eccessi, sevizzi, minacci w ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici li kawza ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet ma'

ghadhiex aktar possibbli tant li minhabba l-istess agir tal-konvenut iz-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tordna li t-tfal minuri tal-kontendenti jigu affidati fil-kura u kustodja ta' l-attrici b'access favur il-konvenut ta' darba fil-gimgha biss kull nhar ta' Hamis mill-4.00.p.m. sal-5.00.p.m. b'dan pero' li l-istess minuri ghandhom il-fakolta' li jaghzlu jekk jridhux li jmorru tali access, u bl-ebda mod ma' ghandhom jigu sforzati, anke peress li jidher li l-konvenut ilu ma' jara lil uliedu mis-sena 2001, u f'dan is-sens din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex fl-interess tal-minuri timmonitorja s-sitwazzjoni u sabiex taccerta ruhha dwar ix-xewqa ta' l-istess minuri, fl-interess ta' l-istess minuri. Tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifiikata a spejjez attrici lill-istess Agenzija Appogg;

3. Tikkundanna lill-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghall-minuri ahwa Camilleri is-somma ta' erbgha u hamsin lira Maltija (Lm54) fil-gimgha, kwantu ghall-ghoxrin lira Maltija (Lm20) ghall-attrici u kwantu ghall-tlieta u erbghin lira Maltija (Lm34) fil-gimgha ghall-minuri ulied il-kontendenti, b'dan li l-istess pagament tal-manteniment ghandu jsir kull gimgha bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici. Apparti dan tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' elfejn, disa' mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm2,968) rappresentanti arretrati ta' manteniment li l-istess konvenut naqas li jhallas lill-attrici ghall-erba' snin u fuqhom ikkakkulati sad-data ta' din is-sentenza anke abbazi ta' dak indikat mill-attrici fin-nota taghha;

4. Tilqa' din it-talba u tordna li jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.)** *in toto;*

5. Tilqa' din it-talba u tordna li tigi ddikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti b'effett mill-20 ta' Frar 1998 u tordna id-divizjoni u l-assenjazzjoni ta' l-oggetti li llum ghadhom formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti fis-sens li zewg vetturi wahda tal-marka Toyota u l-ohra tal-marka Nissan qed jigu assenjati lill-konvenut

b'dan li l-istess jibqaw fil-pussess u proprjeta' esklussiva tieghu b'dan li din il-Qorti qed tordna lill-konvenut li jhallas lill-attrici bhala kumpens ta' l-istess u bhala sehma mill-istess vetturi l-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm 2,500). Dwar mobbli l-konvenut qed jigi assenjat l-kmamar tas-sodda li gja jinsabu fil-pussess tieghu, filwaqt li l-attrici ghandha jzomm l-ghamara li attwalment ghandha fil-pussess taghha, b'dan li kull parti tibqa' zzomm dak kollu li huwa attwalment possedut minnha;

6. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi;

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-istess dar matrimonjali giet mibjugha fil-mori tal-kawza;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------